| Istituzzjoni | Il-Kummissjoni Ewropea, id-Direttorat Ġenerali għall-Ambjent |
| Indirizz | Rue de la Loi 200, 1049 Brussell, il-Belġju |
| Isem il-persuna inkarigata | Dott. Juergen Helbig |
| Il-pożizzjoni li tokkupa l-persuna inkarigata | Uffiċjal Prinċipali għall-Politika |
| Numru tat-telefown | +32 22988521 |
| Numru tal-faks | +32 22967616 |
| Indirizz tal-posta elettronika | Juergen.Helbig@ec.europa.eu |

Id-data, il-firma f'isem l-awtorità nazzjonali maħtura u s-siġill uffiċjali: ___________________________________

JEKK JOGĦĠBOK IBGĦAT IL-FORMOLA MIMLIJA LURA LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
Food and Agriculture Organization
of the United Nations (FAO)
Viale delle Terme di Caracalla
00100 Ruma
l-Italja

Numru tat-telefown: +39 65705 3441
Numru tal-faks: +39 65705 6347
Indirizz tal-posta elettronika: pic@pic.int

JEW LIL:

Secretariat for the Rotterdam Convention
United Nations Environment
Programm (UNEP)
11-13, Chemin des Anémones
CH - 1219 Châtelaine, Ġinevra, l-Iżvizzera
Numru tat-telefown: +41 229178177

Numru tal-faks: +41 229178082
Indirizz tal-posta elettronika: pic@pic.int

# IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI

## DEĊIŻJONI Nru S10

**tad-19 ta' Diċembru 2013**

**dwar it-tranżizzjoni mir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u Nru 574/72 għar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u Nru 987/2009 u l-applikazzjoni tal-proċeduri tar-rimborż**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim bejn il-KE u l-Isvizzera)**

(2014/C 152/03)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72(a) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tad- 29 ta' April 2004 dwar il-kordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali ([1]), li skontu l-Kummissjoni Amministrattiva hija responsabbli li tittratta l-mistoqsijiet amministrattivi kollha jew il-mistoqsijiet kollha ta' interpretazzjoni li jirriżultaw mid-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u r-Regolament (KE) Nru 987/2009 ([2]),

Wara li kkunsidrat l-Artikoli 87 sa 91 tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 64(7) u l-Artikoli 93 sa 97 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009,

Billi:

(1) Ir-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 daħlu fis-seħħ fl-1 ta' Mejju 2010 u r-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u 574/72 ġew irrevokati fl-istess data, ħlief għas-sitwazzjonijiet irregolati mill-Artikolu 90(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 u l-Artikolu 96(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

(2) Huwa neċessarju li tiġi ċċarata d-determinazzjoni tal-Istat Membru debitur u kreditur f'sitwazzjonijiet fejn il-benefiċċji *in natura* kienu pprovduti jew awtorizzati skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u (KEE) Nru 574/72, imma s-saldu tar-rimborżi tal-ispejjeż għal dawn il-benefiċċji jsir wara li r-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u (KE) Nru 987/2009 jidħlu fis-seħħ, b'mod partikolari fejn ir-responsabbilità li tkopri l-ispejjeż tinbidel skont ir-Regolamenti l-ġodda.

(3) Huwa neċessarju li jiġi kkjarifikat liema proċedura għar-rimborż għandha tintuża f'sitwazzjonijiet fejn it-talbiet għal benefiċċji *in natura* kienu pprovduti skont ir-Regolamenti (KEE) Nru 1408/71 u 574/72 imma l-proċedura ta' rimborż issir wara d-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti (KE) Nru 883/2004 u 987/2009.

(4) Il-Paragrafu 5 tad-Deċiżjoni Nru H1 jiċċara l-istatus ta' ċertifikati (formoli elettroniċi) u l-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea (inklużi ċ-Ċertifikati Provviżorji ta' Sostituzzjoni) maħruġa qabel id-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolamenti (KE) Nri 883/2004 u 987/2009.

(5) Id-dispożizzjonijiet tal-paragrafu 4 tad-Deċiżjoni S1 u l-Artikolu 2 tad-Deċiżjoni Nru S9 jistabbilixxu l-prinċipji ġenerali dwar ir-responsabbilitajiet għall-ispejjeż tal-benefiċċji pprovduti fuq il-bażi tal-Karta tal-Assigurazzjoni tas-Saħħa tal-Unjoni Ewropea valida (EHIC) li għandhom japplikaw ukoll f'sitwazzjonijiet tranżitorji.

---

([1]) ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1.
([2]) ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1.

(6) Skont l-Artikoli 62 u 63 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 dawk l-Istati Membri li mhumiex elenkati fl-Anness 3 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 għandhom jirrimborżaw il-benefiċċji *in natura* pprovduti lill-membri tal-familja li ma jgħixux fl-istess Stat Membru li tgħix fih il-persuna assikurata u lill-pensjonanti u lill-membri tal-familja tagħhom fuq il-bażi tan-nefqa reali mill-1 ta' Mejju 2010.

(7) L-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura* pprovduti skont l-Artikoli 19(1), 20(1) u l-Artikolu 27(1) u 27(3) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni kompetenti responsabbli mill-ispejjeż tal-benefiċċji *in natura* pprovduti lill-membri tal-familja li ma jgħixux fl-istess Stat Membru li tgħix fih il-persuna assikurata u lill-pensjonanti u lill-membri tal-familja tagħhom fl-Istat Membru ta' residenza tagħhom.

(8) Skont l-Artikolu 64(7) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, l-Istati Membri elenkati fl-Anness 3 jistgħu, wara l-1 ta' Mejju 2010, ikomplu japplikaw l-Artikoli 94 u 95 tar-Regolament (KEE) Nru 574/72 għall-kalkolu tal-ammonti fissi għal ħames snin.

(9) Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 jintroduċi proċeduri ġodda għar-rimborżi ta' spejjeż tal-kura tas-saħħa bl-għan li r-rifużjonijiet bejn l-Istati Membri jsiru b'pass mgħaġġel u li tiġi evitata akkumulazzjoni ta' talbiet li jibqgħu pendenti għal perjodi twal ta' żmien.

(10) Hemm bżonn ta' trasparenza u gwida għall-istituzzjonijiet fis-sitwazzjonijiet imsemmija hawn fuq biex jiġi żgurat li jkun hemm applikazzjoni unifikata u koerenti tad-dispożizzjonijiet Komunitarji.

Filwaqt li taġixxi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fl-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

## I. **Arranġamenti tranżitorji biex jiġi ddeterminat l-Istat Membru responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż ta' trattament skedat u l-kura neċessarja fir-rigward tal-bidla fil-kompetenza skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004**

1. Jekk kien ipprovdut trattament

— fir-rigward tal-Istati Membri, lil persuna qabel l-1 ta' Mejju 2010, il-kompetenza responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż tal-persuna għandha tiġi ddeterminata b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71;

— fir-rigward tal-Isvizzera, lil persuna qabel l-1 ta' April 2012, il-kompetenza responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż tal-persuna għandha tiġi ddeterminata b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71;

— fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, lil persuna qabel l-1 ta' Ġunju 2012, il-kompetenza responsabbli għall-ħlas tal-ispejjeż tal-persuna għandha tiġi ddeterminata b'konformità mad-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71.

2. L-ispiża tat-trattament kollu għandha titħallas mill-istituzzjoni li tat l-awtorizzazzjoni lil persuna biex tmur fit-territorju ta' Stat Membru ieħor biex tirċievi hemmhekk il-kura xierqa skont il-kundizzjoni tagħha (trattament skedat) skont ir-Regolamenti (KEE) Nri 1408/71 u 574/72

— jekk, fir-rigward tal-Istati Membri, it-trattament ikun ipprovdut parzjalment jew kollu wara t-30 ta' April 2010;

— jekk, fir-rigward tal-Isvizzera, it-trattament ikun ipprovdut parzjalment jew kollu wara l-31 ta' Marzu 2012

— jekk, fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, it-trattament jingħata parzjalment jew kollu wara l-31 ta' Mejju 2012.

3. Jekk trattament ikun ġie pprovdut lil persuna skont l-Artikolu 22(3)(a) jew l-Artikolu 31(1)(a) tar-Regolament (KEE) Nru 1408/71, l-ispejjeż ta' dan it-trattament għandhom jitħallsu b'konformità mad-dispożizzjonijiet ta' dawn l-Artikoli anki jekk il-kompetenza għall-ħlas tal-ispejjeż tal-persuna tkun inbidlet skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004. Madankollu, jekk it-trattament ikompli

— fir-rigward tal-Istati Membri, wara l-31 ta' Mejju 2010, l-ispejjeż imġarrba wara dik id-data għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004;

— fir-rigward tal-Isvizzera, wara t-30 ta' April 2012, l-ispejjeż imġarrba wara dik id-data għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004;

— fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, wara t-30 ta' Ġunju 2012, l-ispejjeż imġarrba wara dik id-data għandhom jitħallsu mill-istituzzjoni kompetenti skont ir-Regolament (KE) Nru 883/2004.

4. Jekk trattament kien ipprovdut skont l-Artikolu 19(1) jew l-Artikolu 27(1) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004

— fir-rigward tal-Istati Membri, wara t-30 ta' April 2010 fuq il-bażi ta' EHIC valida maħruġa qabel l-1 ta' Mejju 2010, it-talba għar-rimborż għall-ispejjeż ta' dan it-trattament ma tkunx tista' tiġi miċħuda minħabba li l-kompetenza għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa tal-persuni tkun inbidlet skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004;

— fir-rigward tal-Isvizzera, wara l-31 ta' Marzu 2012 fuq il-bażi ta' EHIC valida maħruġa qabel l-1 ta' April 2012, it-talba għar-rimborż għall-ispejjeż ta' dan it-trattament ma tkunx tista' tiġi miċħuda minħabba li l-kompetenza għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa tal-persuni tkun inbidlet skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004;

— fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, wara l-31 ta' Mejju 2012 fuq il-bażi ta' EHIC valida maħruġa qabel l-1 ta' Ġunju 2012, it-talba għar-rimborż għall-ispejjeż ta' dan it-trattament ma tkunx tista' tiġi miċħuda minħabba li l-kompetenza għall-ispejjeż tal-kura tas-saħħa tal-persuni tkun inbidlet skont id-dispożizzjonijiet tar-Regolament (KE) Nru 883/2004.

Istituzzjoni li hija obbligata li tirrimborża l-ispejjeż ta' benefiċċji pprovduti fuq il-bażi ta' EHIC tista' titlob li l-istituzzjoni li magħha l-persuna kienet ġustament irreġistrata fil-ħin tal-għoti tal-benefiċċji tirrimborża l-ispejjeż ta' dawk il-benefiċċji lill-ewwel istituzzjoni, jew jekk il-persuna ma kinitx intitolata li tuża l-EHIC, issolvi l-kwistjoni mal-persuna kkonċernata.

### II. **Proċedura għar-rimborż fuq il-bażi tan-nefqa reali fir-rigward tal-Istati Membri**

1. It-talbiet għar-rimborż fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat Membru kreditur qabel l-1 ta' Mejju 2010 għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet finanzjarji tar-Regolament (KEE) Nru 574/72.

Dawn it-talbiet għandhom jitressqu quddiem il-korp ta' kollegament tal-Istat Membru debitur sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011.

2. It-talbiet kollha għar-rimborż fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat Membru kreditur wara t-30 ta' April 2010 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli l-ġodda tal-proċeduri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66 sa 68 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

### III. **Proċedura għar-rimborż fuq il-bażi tan-nefqa reali fir-rigward tal-Isvizzera**

1. It-talbiet għar-rimborż, fir-rigward tal-Isvizzera, fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat kreditur qabel l-1 ta' April 2012 għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet finanzjarji tar-Regolament (KEE) Nru 574/72.

2. It-talbiet kollha għar-rimborż, fir-rigward tal-Isvizzera, fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat kreditur sal-31 ta' Marzu 2012 għandhom jitressqu quddiem il-korp ta' kollegament tal-Istat debitur mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.

3. It-talbiet kollha għar-rimborż, fir-rigward tal-Isvizzera, fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat kreditur wara l-31 ta' Marzu 2012 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli l-ġodda tal-proċeduri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66 sa 68 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

### IV. **Proċedura għar-rimborż fuq il-bażi tan-nefqa reali fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja**

1. It-talbiet għar-rimborż, fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat kreditur qabel l-1 ta' Ġunju 2012 għandhom ikunu soġġetti għad-dispożizzjonijiet finanzjarji tar-Regolament (KEE) Nru 574/72.

2. It-talbiet kollha għar-rimborż fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat Kreditur sal-31 ta' Mejju 2012 għandhom jitressqu quddiem il-korp ta' kollegament tal-Istat debitur mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013.

3. It-talbiet kollha għar-rimborż, fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, fuq il-bażi tan-nefqa reali mniżżla fil-kontijiet tal-Istat kreditur wara l-31 ta' Mejju 2012 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli l-ġodda tal-proċeduri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66 sa 68 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

## V. Proċedura għar-rimborż fuq il-bażi tal-ammonti fissi fir-rigward tal-Istati Membri

1. L-ispejjeż medji għas-snin qabel l-2009, dis-sena inkluża, għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tal-Verifika sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2011. L-ispejjeż medji għas-sena 2010 għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tal-Verifika sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2012.

2. It-talbiet għar-rimborż fuq il-bażi tal-ammonti fissi ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* qabel l-1 ta' Mejju 2010 għandhom jitressqu sa mhux aktar tard mill-1 ta' Mejju 2011.

3. It-talbiet kollha għar-rimborż fuq il-bażi tal-ammonti fissi ppubblikati wara t-30 ta' April 2010 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli l-ġodda tal-proċeduri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66 sa 68 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009. L-Artikolu 67(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 ma għandux jiġi applikat għal inventarji li jikkonċernaw is-snin ta' referenza ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

## VI. Proċedura għar-rimborż fuq il-bażi tal-ammonti fissi fir-rigward tal-Isvizzera

1. L-ispejjeż medji fir-rigward tal-Isvizzera għas-snin qabel l-2011, dis-sena inkluża, għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tal-Verifika sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. L-ispejjeż medji għas-sena 2012 għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tal-Verifika sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

2. It-talbiet kollha għar-rimborż fir-rigward tal-Isvizzera fuq il-bażi tal-ammonti fissi ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* qabel l-1 ta' April 2012 għandhom jitressqu sa mhux aktar tard mill-1 ta' April 2013.

3. It-talbiet kollha għar-rimborż fir-rigward tal-Isvizzera fuq il-bażi tal-ammonti fissi ppubblikati wara l-31 ta' Marzu 2012 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli l-ġodda tal-proċeduri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66 sa 68 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009. L-Artikolu 67(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 ma għandux jiġi applikat għal inventarji li jikkonċernaw is-snin ta' referenza ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

## VII. Proċedura għar-rimborż fuq il-bażi tal-ammonti fissi fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja

1. L-ispejjeż medji fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja għas-snin qabel l-2011, dis-sena inkluża, għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tal-Verifika sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2013. L-ispejjeż medji għas-sena 2012 għandhom jiġu ppreżentati lill-Bord tal-Verifika sa mhux aktar tard mill-31 ta' Diċembru 2014.

2. It-talbiet kollha għar-rimborż fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja fuq il-bażi tal-ammonti fissi ppubblikati f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* qabel l-1 ta' Ġunju 2012 għandhom jitressqu sa mhux aktar tard mill-1 ta' Ġunju 2013.

3. It-talbiet kollha għar-rimborż fir-rigward tal-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja fuq il-bażi tal-ammonti fissi ppubblikati wara l-31 ta' Mejju 2012 għandhom ikunu soġġetti għar-regoli l-ġodda tal-proċeduri b'konformità mad-dispożizzjonijiet tal-Artikoli 66 sa 68 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009. L-Artikolu 67(2) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 ma għandux jiġi applikat għal inventarji li jikkonċernaw is-snin ta' referenza ta' qabel id-dħul fis-seħħ tar-Regolament (KE) Nru 987/2009.

## VIII. Talbiet mhux ikkontestati mressqa skont ir-Regolament (KEE) Nru 574/72

1. It-talbiet mhux ikkontestati, fir-rigward tal-Istati Membri, għandhom jitħallsu mill-aktar fis possibbli, mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

2. It-talbiet mhux ikkontestati, fir-rigward tal-Isvizzera, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, għandhom jitħallsu mill-aktar fis possibbli, mhux aktar tard minn 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni

## IX. Talbiet ikkontestati mressqa skont ir- Regolament (KEE) Nru 574/72

1. Il-kontestazzjonijiet għat-talbiet ikkonċernati, fir-rigward tal-Istati Membri, għandhom jaslu għand il-korp ta' kollegament tal-Istat Membru kreditur u mhux aktar tard minn 12-il xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-kontestazzjonijiet li jaslu wara din id-data jistgħu jiġu rrifjutati.

2. Il-kontestazzjonijiet għat-talbiet ikkonċernati, fir-rigward tal-Isvizzera, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, għandhom jaslu għandu il-korp ta' kollegament tal-Istat kreditur mhux aktar tard minn 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-kontestazzjonijiet li jaslu wara din id-data jistgħu jiġu rrifjutati.

3. It-tweġibiet għall-kontestazzjonijiet, fir-rigward tal-Istati Membri, għandhom jaslu għand il-korp ta' kollegament tal-Istat Membru debitur fi żmien 12-il xahar minn tmiem ix-xahar li matulu tkun waslet il-kontestazzjoni u mhux aktar tard minn 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-korp ta' kollegament tal-Istat Membru kreditur għandu jwieġeb u jissottometti evidenza meħtieġa fil-kontestazzjoni.

4. It-tweġibiet għall-kontestazzjonijiet, fir-rigward tal-Isvizzera, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, għandhom jaslu għand il-korp ta' kollegament tal-Istat debitur fi żmien 12-il xahar minn tmiem ix-xahar li matulu tkun waslet il-kontestazzjoni u mhux aktar tard minn 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ ta' din id-Deċiżjoni. Il-korp ta' kollegament tal-Istat kreditur għandu jwieġeb u jissottometti evidenza meħtieġa fil-kontestazzjoni.

5. Is-saldu finali u l-ħlas tat-talbiet ikkontestati, fir-rigward tal-Istati Membri, għandhom isiru sa mhux aktar tard minn 24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni

6. Is-saldu finali u l-ħlas tat-talbiet ikkontestati, fir-rigward tal-Isvizzera, l-Islanda, il-Liechtenstein u n-Norveġja, għandhom isiru sa mhux aktar tard minn 36 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tad-Deċiżjoni.

7. Fin-nuqqas ta' tweġiba sa dawn id-dati, il-kontestazzjoni titqies li ġiet aċċettata. It-tweġibiet li jaslu għand il-korp ta' kollegament tal-Istat debitur wara din id-data jistgħu jiġu rrifjutati.

## X. **Proċedura ta' faċilitazzjoni**

1. It-talbiet li s-saldu tagħhom ma jkunx sar fil-perjodi stipulati hawn fuq u li għalihom ma tkunx intużat il-proċedura kif stabbilit skont l-Artikolu 67(7) tar- Regolament (KE) Nru 987/2009 minn waħda mill-partijiet fi żmien sitt xhur mill-iskadenza għall-ħlas, għandhom jitqiesu li ma għadhomx validi

2. Il-korpi ta' kollegament tal-Istati jistgħu jaqblu bilateralment fuq soluzzjoni ġenerali dwar is-saldu finali tat-talbiet, mingħajr ma jikkunsidraw kull każ individwali.

## XI. **Dispożizzjonijiet finali**

1. Meta jiġu applikati l-arranġamenti tranżitorji, il-prinċipju ewlieni għandu jkun kooperazzjoni tajba bejn l-istituzzjonijiet, il-prattiċità u l-flessibilità.

2. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Tibda tapplika mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha.

3. Din id-Deċiżjoni tissostitwixxi d-Deċiżjoni Nru S7 tat-22 ta' Diċembru 2009.

*Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva*

Mariana ŽIUKIENĖ

# DEĊIŻJONI Nru E4

## tat-13 ta' Marzu 2014

## dwar il-perjodu tranżitorju kif definit fl-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE u għall-Ftehim bejn il-KE u l-Isvizzera)**

(2014/C 152/04)

IL-KUMMISSJONI AMMINISTRATTIVA GĦALL-KOORDINAZZJONI TAS-SISTEMI TAS-SIGURTÀ SOĊJALI,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 72(d) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni ta' sistemi ta' sigurtà soċjali [1], li skonthom il-Kummissjoni Amministrattiva hija responsabbli biex tħeġġeġ kemm tistal-użu tat-teknoloġiji l-ġodda, b'mod partikolari billi timmodernizza proċeduri għall-iskambju tal-informazzjoni u l-adattament tal-fluss tal-informazzjoni bejn l-istituzzjonijiet għal skopijiet ta' skambju permezz ta' mezzi elettroniċi, filwaqt li jitqies l-iżvilupp tal-ipproċessar tad-dejta f'kull Stat Membru,

Wara li kkunsidrat l-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 tad-29 ta' April 2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali [2], li skonthom il-Kummissjoni Amministrattiva għandha s-setgħa li tistabbilixxi l-istruttura, il-kontenut, il-format u l-arranġamenti dettaljati għall-iskambju ta' dokumenti u dokumenti elettroniċi strutturati u li tistabbilixxi l-arranġamenti prattiċi biex l-informazzjoni, id-dokumenti jew id-deċiżjonijiet jintbagħtu lill-persuna kkonċernata permezz ta' mezzi elettroniċi,

Wara li kkunsidrat l-ewwel u t-tieni subparagrafu tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, dwar il-perjodu tranżitorju, li jiddikjaraw li kull Stat Membru jista' jibbenefika minn perjodu tranżitorju għall-iskambju ta' dejta permezz ta' mezzi elettroniċi u li dawn il-perjodi tranżitorji ma għandhomx jaqbżu l-24 xahar mid-data tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' implimentazzjoni,

Wara li kkunsidrat it-tielet subparagrafu tal-Artikolu 95(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, li skontu l-Kummissjoni Amministrattiva tista' taqbel dwar kull estensjoni xierqa ta' dawn il-perjodi jekk it-twassil tal-infrastruttura ċentrali meħtieġa (Skambju Elettroniku tat-Tagħrif tas-Sigurtà Soċjali – EESSI) ikollu dewmien serju fir-rigward tad-dħul fis-seħħ tar-Regolament ta' implimentazzjoni.

Filwaqt li taġixxi skont il-kundizzjonijiet stabbiliti fit-tieni subparagrafu tal-Artikolu 71(2) tar-Regolament (KE) Nru 883/2004,

Billi:

(1) L-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 987/2000 jistipula perjodu tranżitorju ta' 24 xahar mid-dħul fis-seħħ tiegħu sabiex jippermetti li l-Istati Membri jimplimentaw u jintegraw l-infrastruttura nazzjonali meħtieġa għall-iskambju ta' dejta permezz ta' mezzi elettroniċi.

(2) L-Artikolu 95 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 jagħti s-setgħa lill-Kummissjoni Amministrattiva biex taqbel fuq estensjoni tal-perjodu tranżitorju għall-Istati Membri jekk it-twassil tal-infrastruttura ċentrali jkollu dewmien serju.

(3) Abbażi ta' analiżi mill-Kummissjoni Ewropea, mill-Kumitat tat-Tmexxija tal-Proġett EESSI u mill-Bord Eżekuttiv EESSI, il-Kummissjoni Amministrattiva wettqet valutazzjoni ġenerali tas-sitwazzjoni tal-proġett, kemm fil-livell tal-UE kif ukoll fil-livell nazzjonali.

(4) Skont din il-valutazzjoni, jidher li hemm il-ħtieġa ta' estensjoni tal-perjodu trażitorju sabiex tiġi żgurata l-implimentazzjoni effettiva tas-sistema EESSI, filwaqt li jitqies il-progress tal-preparazzjonijiet kemm fil-livell tal-UE kif ukoll dak nazzjonali.

---

[1] ĠU L 166, 30.4.2004, p. 1 (Rettifika ĠU L 200, 7.6.2004, p. 1), kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 517/2013 (ĠU L 158, 10.6.2013, p. 1).

[2] Ir-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tas-16 ta' Settembru 2009 li jistabbilixxi l-proċedura għall-implimentazzjoni tar-Regolament (KE) Nru 883/2004 dwar il-koordinazzjoni tal-iskemi ta' sigurtà soċjali (ĠU L 284, 30.10.2009, p. 1) kif emendat bir-Regolament tal-Kummissjoni (UE) Nru 1224/2012 tat-18 ta' Diċmebru 2012 (ĠU L 349, 19.12.2012, p. 45).

(5) Filwaqt li titqies il-kumplessità teknika tal-proġett, il-Kummissjoni Amministrattiva tqis li huwa xieraq li jiġi estiż il-perjodu tranżitorju b'mod flessibbli, sabiex għal sentejn l-Istati Membri jkunu jistgħu jimplimentaw u jintegraw l-infrastruttura nazzjonali meħtieġa mid-data meta ġie kkonfermat li s-sistema ċentrali EESSI hija addattata għall-iskop.

(6) Il-Kummissjoni Amministrattiva, filwaqt li tqis ir-rakkomandazzjonijiet tal-Kumitat tat-Tmexxija tal-proġett EESSI, tħeġġeġ lill-Kummissjoni Ewropea biex min-naħa takkumpanja l-perjodu ta' żmien li jkopri l-iżvilupp u l-ittestjar tas-sistema ċentrali EESSI u li jwassal sabiex din tkun lesta għall-produzzjoni b'ippjanar u data tat-tmiem konkreti, li jiżguraw l-ogħla livell possibbli ta' preċiżjoni, u min-naħa oħra li żżomm lill-Istati Membri infurmati dwar din id-data proġettata permezz tal-kanali ta' komunikazzjoni normali.

(7) Madankollu, il-Kummissjoni Amministrattiva tħeġġeġ lill-Istati Membri biex jibdew l-iskambju tad-dejta elettronika mill-aktar fis possibbli, mingħajr dewmien, sabiex il-perjodu tal-iskambju parallel elettroniku u tal-karti jiġi limitat kemm jista' jkun, skont l-istadji intermedji importanti li għandhom jiġu definiti mill-Kummissjoni Amministrattiva, abbażi ta' proposta mill-Kumitat Eżekuttiv EESSI.

(8) Il-Kummissjoni Amministrattiva tinnota r-rwol tal-Bord Eżekuttiv u l-mandat tiegħu biex jipprovdi tmexxija u direzzjoni għall-Programm EESSI.

(9) Skont l-Artikolu 95(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009, il-Kummissjoni Amministrattiva tista' tirrevedi din id-deċiżjoni abbażi tal-ippjanar u l-analiżi ġenerali tal-Kumitat Eżekuttiv EESSI.

(10) Id-Deċiżjoni Nru E1 tat-12 ta' Ġunju 2009 dwar l-arranġamenti prattiċi għall-perjodu tranżitorju tal-iskambju ta' dejta permezz ta' mezzi elettroniċi msemmija fl-Artikolu 4 tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill [1], se tibqa' tapplika *mutatis mutandis* matul il-perjodu estiż.

IDDEĊIDIET KIF ĠEJ:

1. Il-perjodu tranżitorju, imsemmi fl-Artikolu 95(1) tar-Regolament (KE) Nru 987/2009 għall-iskambju sħiħ tad-dejta permezz ta' mezzi elettroniċi mill-Istati Membri se jiġi estiż u d-data finali tal-perjodu trażitorju se tiġi stabbilita abbażi tal-algoritmu li ġej: sentejn mid-data meta s-sistema ċentrali EESSI se tiġi żviluppata, ittestjata u titressaq għall-produzzjoni, kif ukoll tkun lesta biex l-Istati Membri jibdew l-integrazzjoni fis-sistema ċentrali.

2. Il-Kummissjoni Ewropea għandha tinforma lill-Istati Membri dwar id-data proġettata għat-twassil tas-sistema ċentrali EESSI billi tipprovdi aġġornamenti regolari dwar l-istatus tal-proġett fil-laqgħat tal-Kummissjoni Amministrattiva.

3. Is-sistema ċentrali EESSI titressaq għall-produzzjoni meta l-komponenti kollha tagħha jiġu żviluppati, ittestjati u approvati bħala adattati għall-iskop mill-Kummissjoni Ewropea wara li ssir konsultazzjoni mal-Bord Eżekuttiv.

4. Fl-ewwel laqgħa tal-Kummissjoni Amministrattiva wara d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Ewropea kif iddefinita fil-paragrafu 3, id-Deċiżjoni se tiġi ppreżentata lill-Kummissjoni Amministrattiva sabiex tiġi approvata. Il-perjodu ta' sentejn kif iddefinit fil-paragrafu 1, li jippermetti li l-Istati Membri jintegraw fis-sistema ċentrali EESSI, se jibda fid-data meta d-Deċiżjoni tal-Kummissjoni Amministrattiva tikkonferma li s-sistema ċentrali EESSI hija adattata għall-iskop.

[1] ĠU C 106, 24.4.2010, p. 9.

5. Din id-Deċiżjoni għandha tiġi ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*. Din għandha tapplika mid-data tal-pubblikazzjoni tagħha f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea*.

6. Din id-Deċiżjoni tieħu post id-Deċiżjoni Nru E3 tad-19 ta' Ottubru 2011.

*Il-President tal-Kummissjoni Amministrattiva*

Anna RIZOU

# INFORMAZZJONI MILL-ISTATI MEMBRI

**Aġġornament tan-notifika mil-Litwanja skont l-Artikolu 37 tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni min-naħa għal oħra tal-fruntiera (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen)**

**Il-possibbiltà għal Stat Membru li jipprovdi, permezz ta' liġi, għal obbligu li wieħed ikun fil-pussess jew iġorr miegħu karti u dokumenti skont l-Artikolu 21(c)**

(2014/C 152/05)

IL-LITWANJA

Emenda għall-informazzjoni provduta mil-Litwanja u ppubblikata f'*Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea* (ĠU C 98 tad-29 ta' April 2009).

Il-leġiżlazzjoni nazzjonali Litwana ma tistabbilixxix l-obbligu li wieħed irid ikun fil-pussess jew iġorr il-karti u dokumenti tiegħu f'kull ħin.

Madankollu, skont il-Liġi dwar l-Istatus Legali tal-Istranġieri (Artikolu 3(4)), meta mitlub biex jagħmlu hekk minn uffiċjal tal-pulizija jew xi uffiċjali oħra tal-infurzar tal-liġi, iċ-ċittadini barranin għandhom jippreżentaw dokument ta' identifikazzjoni personali (dokument tal-ivvjaġġar, permess ta' residenza jew simili), kif ukoll dokumenti oħra li jispeċifikaw l-għan u l-kundizzjonijiet tal-preżenza tagħhom fir-Repubblika tal-Litwanja u li jagħtu prova tal-legalità taż-żjara tagħhom hemmhekk.

Barra minn hekk, il-Liġi dwar il-Fruntieri Nazzjonali u l-Protezzjoni Tagħhom (Artikolu 17(5)) u atti leġiżlattivi oħra jistabbilixxu li persuni li m'għandhomx dokumenti ta' identifikazzjoni personali huma pprojbiti milli jidħlu f'żoni soġġetti għar-regolamenti tal-fruntieri. Din il-projbizzjoni ma tapplikax għal żoni soġġetti għal regolamenti tal-fruntieri li jinsabu fil-fruntieri interni, ħlief fejn il-kontrolli tal-fruntieri interni reġgħu tpoggew temporanjament. Persuni li għandhom 16-il sena u aktar li huma ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja jew Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu fi ħdan l-Unjoni huma pprojbiti milli jidħlu f'żoni tal-fruntiera mingħajr dokument ta' identifikazzjoni personali. Persuni li għandhom inqas minn 16-il sena li huma ċittadini tar-Repubblika tal-Litwanja jew Stat Membru ieħor tal-Unjoni Ewropea jew li jgawdu d-dritt ta' moviment liberu fi ħdan l-Unjoni huma pprojbiti milli jidħlu f'żoni tal-fruntiera mingħajr ċertifikat tat-twelid, jew dokument tal-ivvjaġġar tat-tfal jew dokument ta' identifikazzjoni personali ieħor. Persuni oħra huma pprojbiti milli jidħlu f'żoni tal-fruntiera mingħajr passaport validu ta' pajjiż terz-ieħor jew dokument tal-ivvjaġġar ekwivalenti, passaport stranġier jew identifikazzjoni personali oħra li tagħti prova tal-legalità taż-żjara tagħhom fir-Repubblika tal- Litwanja.

Persuni jistgħu jidħlu fiż-żoni tal-fruntiera nazzjonali mgħassa biss meta fil-pussess ta' permess għal żmien fiss għal użu ta' darba biss jew permess permanenti maħruġ mis-servizz tal-Gwardja tal-Fruntiera tal-Istat, flimkien mad-dokumenti msemmija hawn fuq. Dawn il-permessi mhumiex meħtieġa fil-każ ta' persuni li jaqsmu l-fruntiera nazzjonali u li jidħlu f'żona tal-fruntiera nazzjonali mgħassa bl-art, bil-baħar jew bl-ajru skont il-proċeduri stabbiliti fil-liġijiet u leġiżlazzjoni oħra tar-Repubblika tal-Litwanja.

**Aġġornament tal-ammonti ta' referenza għal-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fl-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) (ĠU C 247, 13.10.2006, p. 19; ĠU C 153, 6.7.2007, p. 22; ĠU C 182, 4.8.2007, p. 18; ĠU C 57, 1.3.2008, p. 38; ĠU C 134, 31.5.2008, p. 19; ĠU C 37, 14.2.2009, p. 8; ĠU C 35, 12.2.2010, p. 7; ĠU C 304, 10.11.2010, p. 5; ĠU C 24, 26.1.2011, p. 6; ĠU C 157, 27.5.2011, p. 8; ĠU C 203, 9.7.2011, p. 16; ĠU C 11, 13.1.2012, p. 13; ĠU C 72, 10.3.2012, p. 44; ĠU C 199, 7.7.2012, p. 8; ĠU C 298, 4.10.2012, p. 3; ĠU C 56, 26.2.2013, p. 13; ĠU C 98, 5.4.2013, p. 3; ĠU C 269, 18.9.2013, p. 2; ĠU C 57, 28.2.2014, p. 1)**

(2014/C 152/06)

Il-pubblikazzjoni ta' ammonti ta' referenza għall-qsim tal-fruntieri esterni, kif imsemmi fil-Artikolu 5(3) tar-Regolament (KE) Nru 562/2006 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill tal-15 ta' Marzu 2006 li jistabbilixxi Kodiċi Komunitarju dwar ir-regoli li jirregolaw il-moviment ta' persuni minn naħa għal oħra tal-fruntieri (Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen) ([1]) hija bbażata fuq l-informazzjoni kkomunikata mill-Istati Membri lill-Kummissjoni skont l-Artikolu 34 tal-Kodiċi tal-Fruntieri ta' Schengen

Barra mill-pubblikazzjoni fil-Ġurnal Uffiċjali, huwa disponibbli aġġornament ta' kull xahar fuq il-websajt tad-Direttorat-Ġenerali għall-Affarijiet Interni.

IL-LATVJA

*Informazzjoni li tieħu post l-informazzjoni ppubblikata fil-ĠU C 298 tal-4.10.2012*

Skont il-Liġi tal-Immigrazzjoni sabiex ikun jista' jidħol u joqgħod fir-Repubblika tal-Latvja barrani għandu jipprova li huwa jew hija għandhom il-mezzi neċessarji tal-għajxien.

L-ammont meħtieġ ma jkunx inqas minn 14 € għal kull jum taż-żjara.

Fejn huwa indikat fil-bażi ta' dejta elettronika ta' stediniet, jew fuq il-formola "*Ielūgums vīzas pieprāšanai*/invit għat-talba ta' viża" stabbilita permezz tal-Uffiċju għaċ-Ċittadinanza u l-Affarijiet tal-Migrazzjoni, li l-ospiti jkun se jkopri l-ispejjeż relatati mad-dħul u s-soġġorn tal-persuna barranija fil-Latvja, il-barrani ma għandux għalfejn jissottometti dokumenti li jagħtu prova tad-disponibbiltà tas-sussistenza meħtieġa.

Jekk meħtieġ, il-barrani għandu juri li hu jew hija għandhom riżorsi finanzjarji suffiċjenti biex iħallsu l-akkomodazzjoni ppjanata u/jew, jekk ikunu qed jivvjaġġaw b'vettura privata, riżorsi finanzjarji biżżejjed biex jixtru l-fjuwil meħtieġ għall-vjaġġ.

---

([1]) ĠU L 105, 13.4.2006, p. 1.

**Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru skedati**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 152/07)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Rotta kkonċernata | Lycksele – Stokkolma/Arlanda |
| Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku | fl-20 ta' Diċembru 2001. |
| Data tad-dħul fis-seħħ tal-modifiki | fil-25 ta' Ottubru 2015. |
| Indirizz minn fejn jista' jinkiseb it-test, u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi ta' servizz pubbliku | Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:<br>L-Amministrazzjoni tat-Trasport tal-Isvezja<br>SE-781 87 Borlänge<br>SVERIGE<br>Tel. +46 771921921<br>Internet: www.trafikverket.se |

**Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru skedati**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 152/08)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Rotta kkonċernata | Östersund – l-ajruport ta' Umeå |
| Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku | fit-2 ta' Diċembru 1993. |
| Data tad-dħul fis-seħħ tal-modifiki | fil-25 ta' Ottubru 2015. |
| Indirizz minn fejn jista' jinkiseb it-test, u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi ta' servizz pubbliku | Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:<br>L-Amministrazzjoni tat-Trasport tal-Isvezja<br>SE-781 87 Borlänge<br>SVERIGE<br>Tel. +46 771921921<br>Internet: www.trafikverket.se |

**Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru skedati**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 152/09)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Rotta kkonċernata | Pajala – l-ajruport ta' Luleå |
| Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku | fl-20 ta' Diċembru 2001. |
| Data tad-dħul fis-seħħ tal-modifiki | fil-25 ta' Ottubru 2015. |
| Indirizz minn fejn jista' jinkiseb it-test, u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi ta' servizz pubbliku | Ghal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:<br>L-Amministrazzjoni tat-Trasport tal-Isvezja<br>SE-781 87 Borlänge<br>SVERIGE<br>Telt. +46 771921921<br>Internet: www.trafikverket.se |

**Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru skedati**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 152/10)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Rotta kkonċernata | Sveg – Stokkolma/Arlanda |
| Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku | fl-20 ta' Diċembru 2001. |
| Data tad-dħul fis-seħħ tal-modifiki | fil-25 ta' Ottubru 2015. |
| Indirizz minn fejn jista' jinkiseb it-test, u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi ta' servizz pubbliku | Ghal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:<br>L-Amministrazzjoni tat-Trasport tal-Isvezja<br>SE-781 87 Borlänge<br>SVERIGE<br>Tel. +46 771921921<br>Internet: www.trafikverket.se |

**Avviż tal-Kummissjoni skont l-Artikolu 16(4) tar-Regolament (KE) Nru 1008/2008 tal-Parlament Ewropew u tal-Kunsill dwar regoli komuni għall-operat ta' servizzi tal-ajru fil-Komunità**

**Modifika tal-obbligi tas-servizz pubbliku fir-rigward ta' servizzi tal-ajru skedati**

**(Test b'rilevanza għaż-ŻEE)**

(2014/C 152/11)

| | |
|---|---|
| Stat Membru | L-Isvezja |
| Rotta kkonċernata | Vilhelmina – Stokkolma/Arlanda |
| Data oriġinali tad-dħul fis-seħħ tal-obbligi tas-servizz pubbliku | fl-20 ta' Diċembru 2001 |
| Data tad-dħul fis-seħħ tal-modifiki | fil-25 ta' Ottubru 2015 |
| Indirizz minn fejn jista' jinkiseb it-test, u kull informazzjoni u/jew dokumentazzjoni rilevanti marbuta mal-obbligi ta' servizz pubbliku | Għal aktar informazzjoni jekk jogħġbok ikkuntattja:<br>L-Amministrazzjoni tat-Trasport tal-Isvezja<br>SE-781 87 Borlänge<br>SVERIGE<br>Tel. +46 771921921<br>Websajt: www.trafikverket.se |

ISSN 1977-0987 (elektronikus kiadás)
ISSN 1725-5198 (edizzjoni stampata)

**L-Uffiċċju tal-Pubblikazzjonijiet tal-Unjoni Ewropea**
2985 Il-Lussemburgu
IL-LUSSEMBURGU

MT